# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA'

# MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Rikors 3/2016 SG**

**Spiridione sive Dione Farrugia (ID 284863M) u martu Jacqueline Farrugia (ID 501666M)**

**U b'digriet tad-19 ta' Mejju 2016, Valdev Properties Limited (C10241) qed tintervjeni bħala ko-attur fl-atti ta' din il-kawża**

**vs**

**Angelo Abela (ID 990544M) u Maria Carmela Scicluna (ID 65623M) armla ta' Ġanni Scicluna**

**Illum, 21 ta' Marzu, 2022**

Il-Bord;

Ra r-rikors ippreżentat mill-atturi fit-3 ta' Marzu 2016, li permezz tiegħu ġie premess :

1. *"Illi huma l-propjetarji ta' porzjoni art ta' kejl superficjali ta' cirka tlieta u għoxrin tomna li tinsab fi Triq San Gakbu limiti ta' Rabat maghrufa bhala raba Ta' Dnat li hija mqabbla lill-intimati versu l-ġbiela u karneġġi totali ta' €62.02 fis-sena u l-iskadenza li tmiss tagħlaq fil-15 ta' Awwissu 2016.*

2. *Illi l-intimati kisru l-kondizzjonijiet tal-kirja billi ddemolixxew kmamar rurali u minflokhom tellgħu binja ġdida kif ukoll strutturi ohra mingħajr permess tal-awtoritajiet kompetenti tant illi nħargu żewġ Enforcement Notices anke fuq ir-rikorrenti li kopja tagħhom tinsab hawn annessa.*

3. *Illi apparti dan, il-hitan fir-raba' m'humiex qieghdin jiġu mizmuma fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u hemm diversi minnhom li huma mwaqqgħin kif ukoll bjar u ġiebja li ma jżommux ilma.*

4. *Illi l-intimati hallew l-art mqabbla ghandhom tigi mahduma min nies li ma humiex rikonoxxuti kemm mis-sid preżenti kif ukoll min dak ta' qablu.*

5. *Illi whud minn dawn in-nies qed jippumpjaw l-ilma giri li jinsab f'din l-art għal għelieqi ohra li għandhom fil-viċin kif ukoll lil ta' terzi.*

6. *Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghġbu:*

*i. Jiddikjara li l-intimati kisru l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni u konsegwentement jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-istess raba' u tordna lill-intimati jiġu żgumbrati mill-istess raba' fi żmien qasir u perentorju li jigi lilhom hekkprefiss;*

*ii. Jiddikjara li l-intimati huma responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti minħabba l-inadempjenza tagħhom kemm fir rigward tal-binja u strutturi ohra in kwistjoni u kif ukoll fir-rigward tal-ħitan.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat u b'riżerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti."*

Ra r-risposta tal-intimati ppreżentata fil-15 ta' April 2016, fejn eċċepew:

*"ILLI preliminarjament, il-ġudizzju fl-ismijiet premessi ma jistax ikun wiehed integru peress illi din il-koncessjoni ilha fil-familja ta' l-esponenti ghal aktar minn mitt sena u kient konċessa originarjament solidalment lil certu Lonzu Scicluna u Toni Scicluna.*

*Minn naha ta' Lonzu Scicluna dan kien ceda l-qbiela lil uliedu Carmelo Abela, Mattew Scicluna, Guzu Sciluna, Nata Dimech u Guza Camilleri. Minn naħa tagħom,*

*- Carmelo Abela ċeda il-qbiela lil uliedu Angelo Abela (l-esponent) u ohtu Mary Tanti;*

*-Mattew Scicluna ċeda il-qbiela lil uliedu Lolly Scicluna u Louis Scicluna*

*-Guzu Scicluna ċeda l-qbiela lil uliedu David Scicluna, Joyce Cortis, Madeline Galea u Doris Cascun;*

*-Nata Dimech ċediet il-qbiela lil ulieda Paul Dimech, Joyce Zahra u Carmela Azzopardi*

*-Guza Camilleri cediet il-qbliea lil ulieda Godfrey Camilleri, Ganni Camilleri, John Camilleri, Freddie Camilleri u Leli Camilleri.*

*Minn naha ta' Toni Scicluna dan kien ċeda il-qbliea lil uliedu Ganni Scicluna (ir-raġel ta' Maria Carmela Scicluna l-esponenti li għandha 94 sena), Cikka Sciluna u Nina Scicluna.*

*- Maria Carmela Scicluna ċediet il-qbiela lil ulieda, Ganni Scicluna, Charles Scicluna u Guzu Farrugia (raġel tat-tifla):*

*- Cikka Scicluna cediet il-qbiela lil bintha Anne Scicluna (miżżewġa Vassallo) li minn naħa tagħha ċediet lil binha Anthony Vassallo.*

*-Nina Scicluna ċediet il-qbiela lil binha Anthony Scicluna liema titolu għadda lil martu Rita Scicluna.*

*Illi għalhekk il-persuni kollha fuq imsemmija b'tipa skura iridu jissejħu fil-kawża (Arblu tar-razza anness Dok A)*

*ILLI fl-ewwel lok ir-rikorrenti irid jipprova li huwa s-sid tar-raba mertu ta' din l-azzjoni;*

*ILLI fil-mertu l-esponenti u/jew il-persuni su-indikati titolari ta' l-istess qbiela ma dimolixxewx kmamar rurali, hallew terzi jaħdmu r-raba de quo u ma jużawx l-ilma għall-raba iehor kif allegat fir-rikors promotur,*

*ILLI ghalhekk it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjes."*

Ra li din il-kawża ġiet assenjata lil dan il-Bord hekk kif ippresedut;

Ra d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati;

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ra l-atti kollha.

**Ikkunsidra:**

**Provi prodotti**

**Oliver Magro in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar** xehed li fuq l-art magħrufa bhala Ta' Dnat, ġewwa Triq San Ġakbu, ir-Rabat, hemm żewg *enforcements* li huma EC 322/14 u EC 17/15, u żewġ applikazzjonijiet li għadhom mhux ipproċessati. ECC 322/14 huwa maħruġ fuq Antonia Scicluna, u EC 17/15 huwa maħruġ fuq Godfrey Camilleri. Il-PA 1080/15 ġiet mdaħħla minn Antonia Scicluna, mentri l-applikazzjoni l-oħra li għadha *tracking,* ġiet imdaħħla minn Godfrey Camilleri. Spjega li PA 1080/15 hija datata 15 ta' Ottubru 2014, u fiha, l-applikanta ddikjarat li hija s-sid tal-proprjetà. It-tieni applikazzjoni giet mdahhla fl-20 ta' Mejju 2015, u l-applikant qal li huwa mhux sid tal-art, iżda ma ndikax min huwa s-sid. Spjega li fuq ECC 322/14, hemm penali għaddejja kull ġurnata. Il-multa skattat mit-3 ta' Settembru 2014. Spjega l-*area* li fuqhom huma kolpiti dawn l-avviżi ta' infurzar, u spjega li l-avviż ta' infurzar jinħareġ fuq is-sid u fuq l-okkupant.

**Marthese Debono in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar** xehdet li Dione Farrugia għamel talba għal *proposed construction of farmhouse and demolition of various structures within the area.* Spjegat li din l-appikazzjoni ġiet

*withdrawn* għax l-applikant naqas li jippreżenta dak mitlub fit-terminu mogħti. Din l-applikazzjoni saret fil-15 ta' Jannar 2018. Spjegat li kien hemm applikazzjoni oħra *to sanction room as visible in 1968 and 1978 aerial photos.* Spjegat li ntalbu xi dokumenti, iżda dawn ma ġewx ippreżentati, u għalhekk l-applikazzjoni ġiet *withdrawn.* Spjegat li kien hemm applikazzjoni pendenti bin-numru PA 10338/18, iżda din ġiet rifjutata fl-24 ta' Jannar 2020. Spjegat li daħal appell li għadu pendenti. Spjegat li m'hemmx *enforcements* fuq is-sit.

**Omar Mizzi in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar** xehed li l-*enforcement 17/2015,* kien inħareġ fis-6 ta' Frar 2015, kontra Godfrey Camilleri, peress li kien hemm żvilupp li jikkonsisti minn żewġ kmamar, struttura ta' madwar 4 filati msaqqfa bil-pjanċi, adjaċenti ma' waħda mill-kmamar, kif ukoll pjattaforma tal-konkos, ħajt tal-ilqugħ ta' madwar filata, u dan kollu fuq art skedata skont Government Notice 496, datat 25 ta' Ġunju 1996. Sussegwentement, Spiridione Farrugia kien issottometta applikazzjoni biex jissanzjonat, u għalhekk l-*enforcement* ġiet fuqu wkoll bħala s-sid. Spjega li dan kien appella, iżda l-appell kien tardiv. Dan ġie hekk deċiż fis-26 ta' April 2016. Spjega li saret applikazzjoni PA 10338/2018 minn Dione Farrugia, fis-16 ta' Lulju 2018, li ġiet ipproċessata u rrifjutata fl-24 ta' Jannar 2020. Spjega li l-appell rigward din l-applikazzjoni, għadu pendenti. Sostna li l-*enforcement,* illum għadu pendenti, sakemm jiġi ddeterminat l-appell. Ikkonferma li fuq din l-*enforcement,* ma hemmx penali.

Spjega li hemm *enforcement* ieħor, li huwa magħluq peress li tneħħew l-istrutturi. Dan kien iġib in-numru 322/14, u kien inħareġ f'isem Antonio Scicluna. Din l-*enforcement* kienet li hemm żvilupp mingħajr permess, li jikkonsisti minn twaqqigħ ta' kamra li kienet teżisti qabel 1967, u bini mill-ġdid tal-istess kamra bil-*bricks*, ċirka 4 metri b'4 metri, u tfigħ ta' materjal li jinkludi *bricks*, ħamrija u ġebel. Dawn tneħħew fit-2 ta' Settembru 2016. Spjega li kien hemm multa, liema multa għadha ma tħallsitx. Spjega li Spiridione Farrugia kien għamel appell ukoll minn dan l-*enforcement,* iżda kien tardiv ukoll. Il-multa qiegħda wkoll f'isem Spiridione Farrugia. Spjega li l-*enforcement* kien inħareġ fit-3 ta' Settembru 2014, u l-affarijiet tneħħew fit-2 ta' Settembru 2016. Dione Farrugia kien ġie nnotifikat fit-3 ta' Lulju 2015.

In rieżami, huwa spjega li meta saret laqgħa ma' Dione Farrugia fit-3 ta' Lulju 2015, huwa kkonferma li kien sid tal-art. Spjega li l-illegalitajiet tneħħew f'Settembru 2016. Spjega li jekk ikun hemm *enforcement,* huwa importanti li wieħed japplika biex jissanzjona.

**Keith Mallia in rappreżentanza tal-Għammieri** xehed li ai fini ta' sussidju, ma kienx hemm reġistrazzjonijiet fuq l-art in kwistjoni. Spjega li ai fini ta' legislazzjoni dwar in-nitrati, hemm reġistrazzjonijiet fuq Spiridione Farrugia, li

saru fit-22 ta' Mejju 2015, u fuq Angelo Abela li saru fis-7 ta' Awwissu 2014. Spjega li l-leġislazzjoni dwar in-nitrati, dahlet fl-2014. F'seduta oħra, ix-xhud ġab fuq min kienet irreġistrata l-art, mill-2003 'il quddiem.

**Francis Xavier sive Frank Calleja** xehed li huwa kien jamministra l-art ta' San Ġakbu, limiti ta' Ħad-Dingli, li sussegwentement, omm il-mara tiegħu, Maria Paolini, biegħet lil Dione Farrugia. Spjega li skont il-kotba tal-amministratur preċedenti, ir-raba' ta' San Ġakbu, Dingli, kien jikkonsisti f'madwar 40 tomna raba' u razzett. Spjega li r-raba' kien imqabbel u jinħadem minn żewġ gabilotti, Ganni Scicluna, ta' Farmhouse, Santa Katerina, limiti ta' Rabat, u Carmelo Abela, ta' Farmhouse, Misrah Suffara, limiti ta' Ħad-Dingli. Dawn kienu jħallsu l-qbiela, sena wieħed u sena l-ieħor fuq ir-raba' kollu. Sostna li huwa beda jaċċetta l-qbiela b'dan il-mod, mis-sena 1975 'il quddiem.

Qal li fid-29 ta' Marzu 1988, saret diviżjoni tal-assi tal-familja tal-mara tiegħu, Inez Calleja, u r-raba' ġie maqsum f'Plot A u Plot B. Plot A ġie assenjat lil Mary Paolini, u Plot B ġie assenjat lil Mario Testaferrata. Fil-Plot B hemm razzett vojt. Sostna li huwa baqa' jieħu ħsieb jiġbor il-qbiela ta' Plot A. Spjega li l-gabilotti Abela u Scicluna, baqgħu jaħdmu r-raba' li kellhom fuq iż-żewġ plottijiet. Spjega li dawn kellhom raba' f'parti minn plot A, u għalhekk, il-qbiela ġiet maqsuma pro rata skont il-kejl. Spjega li meta ġew nieqsa Abela u Scicluna, huwa beda joħroġ l-irċevuti fuq l-eredi ta' Abela jew ta' Scicluna, skont il-każ. Sostna li l-gabilotti, kienu jafu li din il-Plot A kienet għal bejgħ, u ġie avviċinat kemm-il darba, biex huwa jbiegħ biċċiet minnha. Madanakollu, huwa xehed li l-plot A, kellu jinbiegħ kollu, u għalhekk, fl-aħħar inxtara minn Spiridione Farrugia. Sostna li huwa ma jafx min huma l-eredi ta' Scicluna u Abela, u li qatt ma ta permess li jsir xi bini.

**Dione Farrugia** xehed b'mod dettaljat f'affidavit ta' 23 paġna, li fih inkluda varji ritratti, dokumenti, argumentazzjonijiet u konkluzzjonijiet raġġunti minnu.

In kontroeżami, huwa kkonferma li l-pjanta a fol 31, ġiet ippreparata minnu, u tikkonċerna r-raba' kollha li fuqha saret din il-kawża. Sostna li l-art ġiet maqsuma apposta, minħabba li għamel diversi kuntratti, kemm fuqu personali, u kif ukoll fuq il-kumpanija tiegħu, Valdev Properties Limited. Spjega li r-raba' qiegħda maqsuma f'ħames jew sitt biċċiet. Ikkonferma li Valdev Properties Limited hija *co-owner* ta' uħud mill-artijiet, preċiżament ta' żewġ partijiet indikati bħala Plots B u Ċ. Sostna li l-bqija tal-porzjonijiet, huma proprjetà tiegħu u ta' martu. Sostna li huwa kellu laqgħa mal-bdiewa, u dana minkejja li l-qbiela li għandu qiegħda fuq żewġ persuni biss. Ikkonferma li meta mar fuq il-post qabel ma' nfetħet din il-kawża, irriżultalu li kien hemm ħafna nies li kienu qed jaħdmu din ir-raba'.

Huwa sostna li meta xtara din ir-raba', huwa rreġistra tmintax-il tomna minn 23-il tomna fuq ismu, fil-25 ta' Mejju 2015. Sostna li huwa jidhirlu, li l-irċevuta kienet tinħareġ fuq isem Carmelo Abela, u mhux l-eredi ta' Carmelo Abela. Sostna li huwa jirrikonoxxi skont il-qbiela li għandu, lil Carmelo Abela u Ganni Scicluna. Sostna li huwa jirrikonoxxi lil Carmelo Abela. Sostna li Carmelo Abela kellu żewġt itfal, li huma Angelo Abela, u oħtu li mietet. Sostna li huwa mhux irreġistrat fuq dik ir-raba' li ġiet irreġistrata fuq persuni oħra. Huwa nsista li jaf lil Angelo Abela u lil Ganni Scicluna, kif ukoll lil Godfrey Camilleri. Spjega li Godfrey Camilleri huwa iben Guża Camilleri, li tiġi bint Annunziato Scicluna. Ikkonferma li Godfrey Camilleri, jieħu sussidju fuq raba li huwa saqwi. Ikkonferma li Godfrey Camilleri, ilu hekk irregistrat mill-1991. Sostna li huwa fetaħ il-kawża, għaliex ir-raba' tiegħu qed tintuża għall-kaċċa, b'ħitan imwaqqgħin, u b'raba' żdingata. Sostna li l-iskop għalfejn irid jieħu din ir-raba', huwa għal skopijiet personali.

Spjega li huwa applika għal żewg permessi fuq din ir-raba', waħda għal dar tiegħu bħala *urban farmer,* u l-oħra tat-tifel tiegħu. Spjega li dawn waslu fi stadju ta' appell u fi stadju inizjali, rispettivament. Huwa kkonferma li kejjel il-ħitan bil-*google maps.* Sostna li huwa kejjel biss il-ħitan li huma mwaqqgħin.

**Il-Perit Rueben Sciortino** ppreżenta rapport li kkonfermah bil-ġurament tiegħu, liema rapport sar wara li l-istess aċċeda fuq is-sit in kwistjoni.

**Angelo Abela** xehed li r-raba' mertu tal-kawża, ilha f'idejh għal madwar 140 sena. Kienet mikrija oriġinarjament, lil nannuh, Lonzu Scicluna, li jiġi missier ommu, u lil Toni Scicluna. Lonzu kien jikri madwar 13-il tomna, u Toni Scicluna kien jikri 10 itmiem. Spjega li nannuh, kellu ħamest-it tfal, Carmela Abela, li tiġi l-mara ta' Carmelo Abela - missieru, Matthew Scicluna, Ġużu Scicluna, Nata Dimech u Ġuża Ċamilleri. Sostna li l-ġenituri tiegħu u ħuthom, baqgħu jaħdmu dan ir-raba' bejn 30 u 15-il sena ilu. Spjega li r-raba' illum, ġie ċedut, fejn Carmelo Abela ċeda l-kirja tar-raba' lilu u lil oħtu, Mary Tanti, li mietet, u issa r-raba' qiegħed f'idejn ir-raġel tagħha. Qal li Matthew Scicluna ċeda l-qbiela lil uliedu, Lolly u Louis Scicluna. Ġużu Scicluna ċeda l-qbiela lil uliedu, David, Joyce, Madeline u Doris, mentri Nata Dimech ċediet il-qbiela lil uliedha, Paul, Joyce u Carmela Azzopardi. Ġuża Camilleri wkoll ċediet il-qbiela lil uliedha, Godfrey, Ġanni, John, Freddie u Leli.

Spjega li Spiridione Farrugia kien infurmahom, li xtara r-raba' hu. Spjega li dan kien qalilhom li s-sid kien qallu, li kien hemm diversi gabilotti jaħdmu r-raba', u hu ried ikun jaf min jaħdem ir-raba'. Spjega li huma tawh din l-informazzjoni. Qal li kienu jħallsu lil Frans Calleja għan-nom tal-bdiewa kollha, tas-sehem ta' Lonzu Scicluna. Spjega li huwa kien dejjem jgħid lil Frans, li r-raba' dar mill-ġenituri għat-tfal, iżda dan kien jgħidlu li r-raba' qiegħed għal bejgħ, u li

għandhom jirranġaw mas-sid il-ġdid. Huwa ppreżenta pjanta fejn immarka d-diversi porzjonijiet li jaħdmu l-bdiewa differenti. Huwa spjega li ilu jaħdem ir-raba' għal 33 sena. Hemm dwieli u siġar ta' frott irqiq, u l-frott jintuża għall-bżonn tal-familja. Spjega li hemm 15-il siġra ta' frott, u ħamsin dielja. Insista li r-raba' dejjem inżamm tajjeb u jieħu ħsiebu. Qal li huwa pensjonant u jkollu ħafna ħin liberu. Insista li l-ħitan tas-sejjieħ fir-raba' huma tajba, għalkemm ġieli waqgħu bix-xita. Qal li huwa dejjem jieħu ħsieb li jtellgħu. Sostna li ma hemmx ilma ġieri fil-parti tiegħu, u s-siġar jissaqqew biss bil-ftit xita li tagħmel. Qal li huwa qatt ma bena xejn f'din ir-raba'.

In kontroeżami, huwa spjega li missieru kien Carmelo Abela. Ikkonferma li rċevuti tal-qbiela, kienu jinħarġu f'ismu. Francis Calleja kien jikteb l-irċevuti. Sostna li l-irċevuti kienu joħorġu fuq ismu, għaliex dan ma kienx irid ismijiet ta' bdiewa oħra, nonostante li r-raba' kien bejn il-ħamest itfal tan-nannu. Sostna li missieru kien jiġbor il-flus tal-bdiewa, u jmur għand Calleja biex iħallas. Sostna li kulħadd kien jaħdem il-biċċa tiegħu. Spjega li l-biċċa li jaħdem huwa, fiha inqas minn tomna. Huwa ġieli mar ma' missieru biex iħallas il-qbiela. Sostna li Calleja kien jaf bl-oħrajn, iżda ma riedx jagħmel l-irċevuta fuq kull bidwi. Sostna li dan ma riedx li jagħmel irċevuta fuq kull bidwi, biex ma jkollux tgerfix.

In rieżami, huwa kkonferma li Calleja kien jaf li kien hemm ħafna persuni jaħdmu r-raba'. Sostna li Calleja kien jaf li huwa qed jiġbor il-flus mingħand il-bdiewa kollha.

**Mattew Scicluna** xehed li missieru kien Lonzu Scicluna, u r-raba' kienet mikrija lilu. Sostna li huwa kien jgħin lil missieru, madwar sittin sena ilu. Sostna li lilu messu tomna raba'. Sostna li r-raba' li mess lilu mingħand missieru, qiegħed għand uliedu. Sostna li ilu li għaddih lil żewġ uliedu, madwar tletin sena. Spjega li l-aħħar li mar fir-raba', kien xi xahrejn ilu. Ra lil uliedu jaħdmu r-raba'. Spjega li lanqas għamlu patata, għax ma kienx hemm ilma. Spjega li wieħed għamel ir-raba', ħawħ, u l-ieħor ħalliha rieqda u għamel id-dwieli. Spjega li dwar il-ħitan tas-sejjieħ, hemm tnejn imwaqqgħin, imma l-ħitan l-oħra qegħdin fi stat tajjeb. Sostna li ftit hemm ilma. Spjega li hemm għajn.

In kontroeżami, huwa spjega li jgħaddi għal din it-tomna raba', minn trejqa. Sostna li ilu ma jinżel f'din ir-raba', madwar sitt snin. Spjega li uliedu jisimhom Joe Scicluna u Madalena Azzopardi. Xehed li dawn qasmuha r-raba', bejn tnejn, sabiex kulħadd jaħdem tiegħu. Sostna li huwa kien avża b'dan lis-sid, Peter Paul. Huwa jħallas sitt liri Maltin għal din it-tomna raba', lil Peter Paul. Spjega li huwa kien ta l-ktieb tal-kera lil Peter Paul Testaferrata. Spjega li dan kien tahulu madwar tletin sena ilu. Spjega li mbagħad, kien baqa' jħallas, u kien jagħtih irċevuta, iżda huwa ma jafx fejn għamel dawn l-irċevuti.

**Ġużu Scicluna** xehed li missieru Lonzu Scicluna, u li r-raba' kienet ilha minn żmien nannuh, għandhom. Sostna li missieru għadda din ir-raba' lil uliedu. Spjega li Pawlu, li jiġi ħuh, qiegħed l-Awstralja, u dak ċedieh lilu. Spjega li huwa kien iħallas il-qbiela lil missier Anġlu, ċertu Karmnu Abela. Spjega li huwa kien iħallas lil Mattew, u kien dejjem jiġġieled ma' Karmnu u ma' Mattew, biex iniżżlulhom isimhom. Spjega li Karmnu kien iħallas din il-qbiela, lil Baruni Testaferrata. Spjega li Karmnu u Toni Scicluna, kien jmorru jħallsu. Spjega li meta Toni miet, kien imur Wiġi Scicluna, u minn Wiġi Scicluna waqa' fuq Ġanni Scicluna. Insista li huwa kien informa lis-sid, li minflok missieru, kienu daħlu uliedu. Spjega li meta bdew iħallsu lill-prokuratur, dan kien dejjem jgħid li m'hemmx għalfejn jitniżżlu l-ismijiet kollha.

Xehed li huwa għandu ħamest itmiem raba'. Spjega li jagħmel dwieli, siġar tal-frott u patata. Spjega li huwa issa ċeda r-raba' f'isem uliedu, Madalen, Doris, Joyce u David. Spjega li r-raba' għadu jinħadem, u s-sidien ġew infurmati. Spjega li ilu li ta r-raba' lil uliedu, madwar għaxar snin. Spjega li ilma hemm fil-ħofra tax-xita u tax-xaba'. Spjega li ilma ġieri hemm, imma huwa ma għandux minnu. Spjega li fis-sajf jkun hemm ftit ilma. Spjega li l-ħitan tas-sejjieħ, huma fi stat mhux ħażin.

In kontroeżami, huwa spjega li l-ħitan tas-sejjieħ, hemm biċċiet li huma fi stat tajjeb, u oħra li huma fi stat ħażin. Spjega li huwa kien iħallas 17-il ċenteżmu lil Anġlu. Spjega li huwa kien mar darba biss għand is-sid, meta kien għadu ħaj il-Baruni. Spjega li l-Baruni kien staqsa lilu, lil Mattew u lil Ġanni Scicluna, kemm kellhom tfal.

**Nata Dimech** xehdet li missierha Lonzu, u qabblu missieru, kellhom din ir-raba' mqabbla lilhom. Spjega li wara missierha, din ir-raba' ħaduha l-aħwa. Hija kompliet tgħid li mbagħad, ir-raba' li ġie għandha, għaddietu lil uliedha. Sostniet li Anġlu Abela kien imur għand is-sinjur biex iħallas. Spjegat li s-sid kien jaf li r-raba' kien dar fuq uliedhom. Qalet li għandha tomnejn raba', u li fiha tagħmel patata, piżelli, ful, u kellha ftit dwieli u siġar. Spjegat li ilha tminax-il sena li għaddietu f'idejn uliedha. Ikkonfermat li uliedha jaħdmuh, u jagħmluh basal, patata, ful, dwieli u siġar taż-żebbuġ. Insistiet li r-raba' dejjem jinħadem.

In kontroeżami, hija sostniet li kien hemm ħitan li kienu ilhom imwaqqgħin, minn meta kienet għadha żgħira. Hija qatt ma marret għand is-sid. Sostniet li ġieli kienet tingħata rċevuta, iżda ma tafx fejn qegħdin. Sostniet li kemm ilu li r-raba' daret fuq it-tfal tagħha, huma uliedha li qed iħallsu l-qbiela.

**Guża Camilleri** xehdet li missierha kien Lonzu, u dan għadda r-raba' lil uliedu. Spjegat li hija kienet tiżra' patata, qamħ, ġulbiena, xgħir, frawli qaqoċċ u

qarabagħli. Ir-raba' llum, qiegħed għand id-disa' uliedha. Spjega li hija kienet tagħti l-qbiela lil missierha, u kien imur iħallas hu. Spjegat li wara li miet missierha, wieħed minn ħutha, kien jiġbor il-qbiela. Qalet li hi ilha li għaddiet ir-raba' lil uliedha, madwar għoxrin sena. Spjegat li binha Godfrey, iħobb jagħmel xi naqra ħaxix tal-borma.

In kontroeżami, hija spjegat li Karmenu Abela, jiġi r-raġel ta' oħtha, u Anġlu, t-tifel tiegħu. Hija sostniet li r-raġel tagħha kien iħallas il-qbiela.

**Carmela Azzopardi** xehdet li hija t-tifla ta' Nata Dimech, li tiġi t-tifla ta' Lonzu Scicluna. Ommha kienet taħdem ir-raba' flimkien ma' missierha, u fl-1990, il-ġenituri tagħha għaddew ir-raba' lilha u lil ħutha. Spjegat li meta dar fuqha u fuq ħutha, huma kienu marru l-Għammieri, u ffirmaw xi karta. Qalet li dan ir-raba' jinsab irreġistrat fuqha, u għandha ftit inqas minn tomna, li fiha għandha siġar tal-frott. Sostniet li ilma fil-parti li taħdem hi, ma hemmx, u biex isaqqu s-siġar, tieħu l-ilma mill-ġiebja li għandu Godfrey Camilleri. Sostniet li fil-porzjoni li taħdem hi, ma hemmx ħitan tas-sejjieħ. Il-ħitan tas-sejjieħ fir-raba' madwar tagħha, kollha huma fi stat tajba. Hemm ħajt mat-trejqa, li biċċa minnu waqgħet reċentement. Spjega li dan jiġi rranġat bħalma dejjem sar.

**Paul Dimech** xehed li hu t-tifel ta' Nata Dimech. Apparti li kkonferma dak li xehdet oħtu Joyce Zahra, huwa xehed li kellu ktieb tar-raba, imma ma jistax isibu. Qal li darba kien ħa xi sussidju, għaliex kellu d-dwieli. Spjega li huwa jaħdem ċirka tomna u kwart, li fiha għandu siġar taż-żebbuġ, li jagħsar għaż-żejt. Sostna li fil-parti tiegħu, ma hemmx ilma, iżda hemm bir u ġiebja, li jimlihom bil-bowser. Qal li l-ħitan tas-sejjieħ, jieħu ħsiebhom għaliex qegħdin fi stat tajjeb, u kull darba li taqa' selħa bil-maltemp, huwa jieħu ħsieb jibnih.

In kontroeżami, huwa spjega li jaħdem bħala *Maintenance Worker* ġewwa l-Esplora. Spjega li qabel kien jaħdem il-Pantalesco, u kien għamel ukoll għoxrin sena jaħdem fit-Tarzna. Sostna li huwa minn ċkunitu, kien jidħol ġo din ir-raba'. Spjega li huma jħallsu lil Angelo Abela, madwar 17-il Ewro. Qal li huwa għandu f'idejh, tomna, siegħa u kejla. Spjega li ħutu jisimhom Raymond, Josephine u Carmen. Ikkonferma li din l-art, huwa u huh Raymond, jużawha għall-kaċċa.

**Magdalena Galea** xehdet li hija t-tifla ta' Ġużu Scicluna, iben Lonzu. Qalet li missierha għadda r-raba' lil uliedu. Spjegat li kienu marru l-Għammieri u għamlu l-ktieb tar-raba', li ppreżentat bħala Dok A. Missierha kien jaħdem fuq erba' tmiem raba', u qasmu bejn uliedu, biex kull wieħed ħa qisu, ftit iżjed minn tomna raba'. Ir-raba' għadha taħdmu u tagħmlu dwieli, siġar tal-frott, ful, basal, patata u ħxejjex oħra. Hija qalet li għandha sehem minn spiera, imma ma tantx ikun hemm ilma. Il-ħitan tas-sejjieħ li jdawru r-raba' fejn taħdem, jinsabu fi stat tajjeb.

Qalet li l-biċċa l-kbira tal-prodott, tużah għall-familja tagħha, iżda jekk ikollha żżejjed, tieħdu l-Pitkalija.

**Dennis Scicluna** xehed li huwa t-tifel ta' Ġużu Scicluna, u li missieru għaddielu r-raba', flimkien ma' ħutu l-oħra, fl-2003. Spjega li meta dar fuqhom, hu u ħutu marru l-Għammieri u għamlu ktieb tar-raba'. Spjega li missieru kien jaħdem fuq erba' tmiem raba', u qasmu bejnu u bejn ħutu, biex b'hekk kull wild ħa ftit iżjed minn tomna raba'. Huwa spjega li għadu jaħdem dan ir-raba', u fih hemm siġar tal-frott u dwieli, u l-bqija jinżera' ful, basal, patata u ħxejjex oħra. Sostna li għandu sehem ukoll mill-ispiera, iżda ma tantx ikun hemm ilma. Qal li l-ħitan tas-sejjieħ li jdawru r-raba' li jaħdem, huma fi stat tajjeb, u ma hemmx ħitan imwaqqgħin. Spjega li l-ebda parti minn dan ir-raba', ma hu żdingat jew ma jinħadimx. Spjega li l-biċċa l-kbira tal-prodott, jużah għall-familja tiegħu, iżda ġieli jieħu ż-żejjed il-Pitkalija. Qal li xi ħames snin ilu, Dione xtara dan ir-raba', u kienu ndikawlu fuq pjanta, kull biċċa li kull wieħed u waħda jaħdem. Spjega li kienu attendew il-maġġior parti tal-kuġini u z-zijiet li jaħdmu dan ir-raba'. Qal li Dione kien qalilhom li ried jagħmel dan l-eżerċizzju, biex jekk jidħol fl-għalqa, ikun jaf min hu l-persuna li jkun hemm fih.

**Rita Scicluna** xehdet li hija l-mara ta' Anthony Scicluna, li jiġi t-tifel ta' Nina Scicluna. Missier Nina kien Toni Scicluna. Spjegat li hija rreġistrata *part time farmer* u għandha diversi biċċiet tar-raba' rreġistrati fuqha. Għandha 21 tomna raba' rregġistrati fuq isimha. Spjegat li l-porzjoni tar-raba' li qiegħda għandha, hija wkoll irreġistrata f'isimha. Kompliet tgħid li meta omm ir-raġel tagħha qorbot lejn 60 sena, għaddiet il-qbiela lir-raġel tagħha. Spjegat li r-raġel tagħha miet, u r-raba' dar fuqha. Hija tiżra' tewm, ful u patata, filwaqt li din is-sena, hija miżrugħa qamħ biex isserraħ ir-raba'. Sostniet li ftit hemm ilma ġieri. Hija tieħu sehem darba kull erbat ijiem. Fis-sajf, lanqas qed ikun hemm ilma. Sostniet li l-ħitan tas-sejjieħ fil-porżjoni li taħdem hi, huma fi stat tajjeb.

**Godfrey Camilleri** xehed li ommu hija Ġuża Camilleri, li tiġi bint Lonzu Scicluna. Madwar 37 sena, ommu dawret ir-raba' fuq uliedha. Il-qbiela tiegħu u ta' ħutu kienu jgħadduhom lil Angelo Abela, li kien iħallas lis-sid. Sostna li s-sid kien mgħarraf li r-raba' kien dar fuqhom, meta ommu dawritu. Qal li huwa jaħdem ċirka żewġt itmiem raba'. Ikabbar siġar tal-frott, u ħa sussidju mill-Gvern. Huwa jbiegħ il-frott il-Pitkalja, u fi żmen il-frott, idaħħal l-frott il-Pitkalija ta' lanqas darba fil-ġimgħa. Spjega li fir-raba', hemm ftit ilma ġieri, li kważi lanqas huwa biżżejjed biex jissaqqew is-siġar. L-ilma jinqasam f'erba' ishma.

Spjega li huwa għandu raba' ieħor fil-viċinanzi, u huwa rreġistrat bħala *part time farmer*. Xehed li l-ħitan tas-sejjieħ li jdawwru r-raba' li jaħdem, huma fi stat relattivament tajjeb, għalkemm ġieli taqa' xi selħa meta tagħmel ħafna xita. Qal li huwa dejjem jirranġaha għaliex inkella, tintilef il-ħamrija. Qal li fl-art li

jaħdem, hemm żewġt ikmamar, waħda ħames piedi b'ħames piedi, msaqqfa bil-pjanċi, u l-oħra fiha għaxar piedi kwadri. Qal li dawn kienu nbnew flok żewġ kmamar li kien hemm, u li kienu waqgħu biż-żmien. L-għan huwa biex jitfa' l-għodda tar-raba' ġo fihom. Huwa kkonferma li nħareġ *enforcement,* imma mbagħad applika biex jiġu sanzjonati, u l-perit infurmah li l-permess għandu joħroġ. Sostna li fir-raba' fil-viċin, għandu *borehole* rreġistrata, u peress li ma tantx hemm ilma f'din il-biċċa, huwa radam pajp, biex bl-ilma tal-*borehole,* ikun jista' jsaqqi wkoll is-siġar.

In kontroeżami, huwa spjega li għandu tmien ħutu. Qal li ħutu huma John, Freddie, Rennie, Madelaine, Felix, Patrick, Violet u Nancy, ilkoll aħwa Camilleri. Spjega li ħames minn hutu, ma għandhomx raba', iżda jaħdmuh hu u ħutu l-oħra. Ikkonferma li Freddie jaħdem raba' li tmiss mal-porzjon li jaħdem Leli, u mal-porzjon li jaħdem John. Spjega li ma jiftakarx kemm kien iħallas qbiela. Sostna li issa li ħa r-raba' Dione, ma setgħax iħallas qbiela. Spjega li missieru Pawlu, ilu mejjet madwar erba' snin, filwaqt li ommu għadha ħajja. Sostna li r-raba' ilu li dar fuqu u fuq hutu, madwar tletin sena, u s-sid kien jaf b'dan. Spjega li s-sid ma ħariġx riċevuta fuqhom għax ma riedx, biex ma jkunx hemm hafna ismijiet. Sostna li l-importanti kien li jigbor il-qbiela. Insista li huwa kien ihallas lil Anglu.

Spjega li huwa għandu tlettax-il tomna raba' rreġistrata fuq ismu. Ikkonferma li din ir-raba' mhijiex bogħod mir-raba' mertu ta' din il-kawża. Spjega li l-prodott li jieħu l-Pitkalija ġej mir-raba' kollha li jaħdem, u mhux minn din ir-raba' biss. Sostna li minn dakinhar li r-raba' gie rreġistrat mal-Għammieri, huwa ġab raba' ieħor bi qbiela. Spjega li s-sid hu l-Gvern, iżda l-qbiela qiegħda fuq isem ħatnu, Pawlu Ciantar. Sostna li r-raba' li huwa tiegħu, ma għandux. Spjega li huwa għandu xi raba' li huma mqabbla lilu f'ismu. Sostna li ma hemmx spiera ġor-raba' li jaħdem, u lanqas ġwiebi. Spjega li l-ilma jinġieb mill-għajn, liema għajn tintuża bejn ħafna bdiewa. Din l-għajn qiegħda taħt l-art, iżda mhiex fir-raba' li jaħdem hu. Ċaħad li l-*borehole* li hemm madwar mil 'il bogħod, qed tieħu l-ilma minn din l-għajn. Ikkonferma li nħareġ avviż ta' infurzar fuq jarda konkos li tefa'. Spjega li kien hemm mansab u dura, u għamel il-konkos mal-art. Sostna li l-kmamar li hemm, ilhom xi erbgħin sena. Spjega li kien hemm kamra bejn ħafna bdiewa, li waqgħet, u huwa għamel waħda f'tiegħu. Spjega li dik li nbniet, hija ħafna iżgħar u nbniet maġenb il-post fejn waqgħet il-kamra l-antika.

Spjega li l-*borehole* li hemm, qiegħda f'raba' tal-Gvern, u tinsab mil 'il bogħod mir-raba' in kwistjoni. Spjega li l-ilma jiġi bil-pajpijiet, u għalhekk għaddej minn ġor-raba' ta' ħaddieħor. Spjega li huwa ma deherlux li jitlob permess lis-sid biex jgħaddi dawn il-pajpijiet.

**Anthony Vassallo** xehed li huwa iben Ċikka Scicluna, li tiġi t-tifla ta' Toni Scicluna. Wara l-mewt ta' ommu, ir-raba' beda jaħdmu missieru, u mbagħad dan

dawru fuqu, madwar 33 sena ilu. Spjega li r-raba' li jaħdem huwa, irreġistrat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, u ilu rreġistrat hekk, kemm ilha li ħarġet dik l-iskema. Qabel kellu wkoll ktieb tar-raba', li minnu jirriżulta li r-raba' ilu rreġistrat fuqu, sa mill-1992. Xehed li fir-raba' għandu siġar tal-frott. u f'parti oħra jagħmel il-ħaxix. Qal li l-prodott idaħħlu l-Pitkalija, u li huwa rreġistrat bħala *part time farmer*. Ikkonferma li l-ħitan tas-sejjieħ huma fi stat tajjeb. Insista li ma hemmx ħafna ilma, u huwa jsaqqi biss nofs ir-raba' li għandu, għaliex ma jkunx biżżejjed. Sostna li ilma jkollu darba kull erbat ijiem, jekk ikun hemm ilma. Spjega li jekk ix-xitwa tkun xotta, ikun hemm anqas ilma fis-sajf.

**John Scicluna** xehed li huwa iben Ganni Scicluna, li kien jiġi t-tifel ta' Toni Scicluna. Din ir-raba' daret minn fuq missieru għal fuqu u ħutu, madwar tletin sena ilu. Sostna li sakemm kien għadu ħaj missieru, il-qbiela xorta waħda kien iħallasha hu. Huwa ma setax isib irċevuti, ħlief għal waħda tal-2005. Huwa jaħdem ċirka tomnejn u nofs minn dak ir-raba', u fih jiżra' patata, ful u basal, u għandu wkoll id-dwieli. Spjega li hemm biċċa jagħmilha silla jew magħlef għall-bhejjem. Qal li fil-porzjoni li jaħdem, ma hemmx ilma, u r-raba' jitqies bagħli. Sostna li l-ħitan tas-sejjieħ, fil-biċċa l-kbira huma sewwa, għalkemm hemm xi postjiet li waqgħu. Qal li kif ikollu ċans bħalma dejjem għamel, jerga' jibnihhom. Sostna li ma hemmx ħafna xogħol biex dan jiġi rranġat.

In kontroeżami, huwa kkonferma li għandu raba' ieħor, barra dak mertu ta' din il-kawża, f'dawk l-istess inħawi. Huwa spjega li jaħdem madwar ħdax-il tomna b'kollox. Spjega li parti mir-raba' mertu ta' din il-kawża li jaħdem hu, għandha l-blat. Sostna li hemm tlett itmiem raba', li jinħadem minnu u minn ħutu. Ikkonferma li huwa dilettant tal-insib. Ikkonferma li għandu il-guvi fejn hemm il-ħarrub u fejn hemm il-blat. Ikkonferma li mal-Għammieri, ma għandux raba' rreġistrat, għal dak li għandu x'jaqsam ma' din il-kawża.

**Maria Dolores sive Doris Cascun** xehdet li hija t-tifla ta' Ġużu Scicluna, li jiġi t-tifel ta' Lonzu Sciclunay, li flimkien ma' Toni Scicluna, kien ha r-raba' mertu ta' din il-kawża, bi qbiela. Qalet li missierha kien jaħdem ċirka 4 itmiem raba'. Hija sabet ir-reġistrazzjoni f'ismu ta' din ir-raba'. Qalet li fl-2000, missierha għadda r-raba' kollu lilha u lil ħutha. Qalet li f'din ir-raba', hija tiżra' patata, ful, basal, tewm, u hemm xi dwieli wkoll. Sostniet li l-ilma li hemm. jinżel bix-xita, jinħażen u jinqasam bejn ħafna nies. Qalet li l-ħitan tas-sejjieħ fil-porżjoni li taħdem, huma fi stat tajjeb.

**Joyce Cortis** xehdet li hija tiġi t-tifla ta' Ġużu Scicluna. Sostniet li missierha kien jaħdem erbat itmiem raba', u li r-raba' kienet irreġistrata f'ismu. Kompliet tgħid li missierha kien qasam din ir-raba' bejnha u bejn ħutha, fl-2000. Xehdet li f'dan ir-raba', hija tiżra' patata, ful, basal, tewm, u hemm xi dwieli wkoll. Ikkonfermat li l-ħitan tas-sejjieħ huma fi stat tajjeb.

**John Camilleri** xehed li huwa iben Guża Ċamilleri, li tiġi t-tifla ta' Lonzu Scicluna. Qal li ommu għaddiet ir-raba' lil uliedha, madwar 37 sena ilu. Qal li qabel ma' dar ir-raba', huwa kien ukoll jgħin lil missieru u lil ommu. Qal li fir-raba' li jaħdem, hemm siġar tal-ħawħ, u ġieli jiżra' xi ful u patata. Qal li fil-parti li jaħdem, il-ħitan tas-sejjieħ huma fi stat tajjeb għax jieħu ħsiebhom. Qal li ftit qabel ma nfetħet din il-kawża, Dione kien ġie ndikat l-partijiet kollha li jaħdmu. Sostna li dan kien ġab *surveyor,* u niżżel fuq pjanta kull parti li għandhom il-bdiewa rispettivi.

**Leli Camilleri** xehed li huwa iben Ġuża Camilleri. Qal li din ir-raba' daret għandu u għand ħutu, madwar 37 sena. Qal li meta kien għadu tifel, kien imur jgħin lill-ġenituri tiegħu jtellgħu l-kaxxi tal-frott. Spjega li fir-raba', huwa għandu siġar tal-ħawħ, tal-lewż u ġieli jiżra' xi ful, basal u patata. Spjega li l-ħitan tas-sejjieħ sitwati fil-parti fejn jaħdem hu, huma fi stat tajjeb, għaliex jieħu hsiebhom. Ikkonferma li qabel ma' nfetħet din il-kawża, Dione kien ġab *surveyor*, u kien niżżel fuq pjanta, kull parti li għandhom il-bdiewa rispettivi. Sosnta li dan dam xi xahar ikejjel, u li jaf li r-raba' hemmhekk, maqsum bejn diversi gabillotti.

**Raymond Dimech** xehed li huwa jiġi t-tifel ta' Nata Dimech, li tiġi t-tifla ta' Lonzu Scicluna. Qal li din ir-raba' kienet tinħadem minn ommu u missieru, sakemm daret fuqu u fuq hutu. Qal li meta daret fuqhom, ilkoll kienu marru l-Għammieri biex jirreġistraw ir-raba' fuqhom. Qal li huwa għandu ftit inqas minn tomna, li fiha għandu siġar taż-żebbuġ. Spjega li r-raba' li jaħdem qiegħed f'biċċtejn, biċċa fuq wied u biċċa n-naha l-oħra. Qal li fil-parti li jaħdem ma hemmx ilma, u biex isaqqi s-siġar, iġib *bowser* tal-ilma, li jitfgħu fil-ġiebja ta' ħuħ Pawlu. Qal li huwa ltaqa' ma' Dione, meta ġie biex jimmarka fuq pjanta, l-porzjonijiet li jinħadmu mill-bdiewa. Qal li dan beda jinsisti li hemm l-ilma ġieri, u li huma ma kinux qed juruh dan. Sostna li ma hemmx ħitan tas-sejjieħ fil-parti fejn jaħdem hu, għaliex ir-raba' tinsab eżatt fuq qisu wied żgħir, li jieħu ħsieb inaddaf, biex meta jgħaddi l-ilma, ma jġorrx il-ħamrija miegħu.

**Joyce Zahra** xehdet li hija bint Nata Dimech, li tiġi t-tifla ta' Lonzu Scicluna. Spjegat li meta r-raba' dar fuqha u fuq hutha, wara li missierha ħareġ bil-pensjoni, huma kienu marru rreġistrawh l-Għammieri. Spjegat li għandha ftit anqas minn tomna, li fiha hemm siġar tar-rummien u tal-frott. Qalet li tiżra' ful, basal, patata, piżelli u ħxejjex oħra. Kompliet tgħid li fil-parti li taħdem hi, ma hemmx ilma, u biex isaqqu s-siġar, trid iġġib l-ilma mid-dar fil-laned. Sostniet li fil-parti tagħha, ma hemmx ħitan tas-sejjieħ, għaliex ir-raba' jinsab fuq qisu wied żgħir, li tieħu ħsieb tnaddaf, biex meta jgħaddi l-ilma, ma jġorx il-ħamrija miegħu.

**Joseph Busuttil** xehed li huwa jaf lil Antonio Scicluna. Ikkonferma li fir-raba' li kien f'idejh, kien hemm kamra antika li kienet waqgħet, u bnew fuqha. Sostna li

Ninu Scicluna kien bena din il-kamra. Ikkonferma li l-MEPA ħarġet *enforcement* fuqha. Toni Scicluna reġa' tella' l-kamra. Spjega li l-kamra kienet waqgħet biż-żmien u bil-maltemp. Spjega li l-kamra kienet bejn kulħadd. Spjega li huwa qatt ma ta każ din il-kamra. Sostna li huwa dejjem jafha mwaqqa' minn mindu kien tifel. Kienet kamra mibnija bil-ħitan tas-sejjieħ, u kellha saqaf tax-xorok.

**Rapport tal-Membri Tekniċi**

Il-Perit Edgar Rossignaud u l-Espert Anthony Mifsud waslu għas-segwenti konklużżjonijiet wara li għamlu varji konstatazzjonijiet:

> *Minn dan l-access, stajna nikkonkludu li r-raba kien kollu mahdum sew, skont il-mistier u l-hitan tas-sejjiegh kienu generalment kollha fi stat tajjeb. Ukoll, ahna ta' l-opinjoni li s-sigar kienu kollha 'l fuq minn 8 snin."*

L-istess membri tekniċi ġew ukoll eskussi mir-rikorrenti, u ppreżentaw ir-risposti għad-domandi magħmula lilhom.

**Ikkunsidra;**

Dan il-Bord sejjer l-ewwel jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-eċċezzjoni mressqa mir-rikorrenti, dwar il-prova ta' titlu li għandha tinġieb mir-rikorrenti. Sussegwentement, jekk ikun il-każ, jgħaddi biex jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, in vista li skont l-intimati, għandhom jiġu kjamati ammont ta' nies oħra, li ġew indikati b'tipa skura, fir-risposta għal din il-kawża. Finalment, jekk ikun il-każ, il-Bord sejjer imbagħad, jidħol f'eżami fil-mertu fid-dawl tal-eċċezzjoni mressqa fil-mertu.

Permezz ta' din il-kawża, Spiridione sive Dione Farrugia u martu Jacqueline Farrugia ddikjaraw li huma proprjetarji ta' porzjoni art, ta' kejl superfiċjali ta' ċirka tlieta u għoxrin tomna, li tinsab fi Triq San Ġakbu, limiti ta' Rabat, magħrufa bħala raba' Ta' Dnat, li hija mqabbla lill-intimati versu l-qbiela u kaneġġi, totali ta' €62.02 fis-sena, li jitħallsu kull 15 ta' Awwissu. F'din il-kawża, dawn iż-żewg rikorrenti qed jitolbu lill-Bord jiddikjara, li l-intimati kisru l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni, u konsegwentement, jawtorizzahom jirriprendu l-pussess ta' din ir-raba', wara li l-intimati jiġu żgumbrati f'terminu qasir u perentorju. Il-Bord ġie mitlub ukoll jiddikjara, li l-intimati huma responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, minħabba l-inadempjenza tagħhom, kemm fir-rigward tal-binja u strutturi oħra in kwistjoni, kif ukoll fir-rigward tal-ħitan.

Da parti tagħhom, l-intimati eċċepew li r-rikorrenti jridu jipprovaw li huma s-sidien tar-raba', mertu ta' din l-azzjoni.

In vista ta' din l-eċċezzjoni, ir-rikorrenti ppreżenta nota fis-26 ta' April 2016, fejn ippreżenta pjanta tal-art mertu ta' din il-kawża (Dok A), u mbagħad ippreżenta sett ta' ħames kuntratti, li permezz tagħhom ġiet akkwistata din l-art kollha li tidher fil-pjanta annessa bħala Dok A, kif ukoll ippreżenta kuntratt li permezz tiegħu ġew ikkanċellati xi ipoteki. Minn eżami ta' dawn il-kuntratti li gew eżebiti bħala Dok C sa Dok G, jirriżulta li fil-kuntratti mmarkati bħala Dok F u Dok G man-nota tas-26 ta' April 2016, il-kompratriċi fir-rigward ta' 7,345 metri kwadri art, li jiffurmaw parti mill-art mertu ta' din il-kawża odjerna, hija Valdev Properties Limited.

Dakinhar stess li giet ippreżentata tali nota, u ċioè fis-26 ta' April 2016, is-soċjetà Valdev Properties Limited (C 10241) ippreżentat rikors li fih ippremettiet:

> "*Illi din il-kawza ghandha partijiet mill-art mertu ta' din il-kawza permezz ta' kuntratti separati li gew ezebiti llum (Vide Dok E u F) u ghalhekk l-art mertu ta' din il-kawza tappartjeni in parti lir-rikorrenti ezistenti Spiridione sive Dione u Jacqueline konjugi Farrugia u in parti lill-kumpanija.*"

Għalhekk f'dan ir-rikors intalab:

> "*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza lis-socjeta' esponenti sabiex tintervjeni bhala ko-attur fl-atti ta' din il-kawza taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.*"

L-intimati rrispondew għal dan ir-rikors, fejn sostnew li dak mitlub, ossija li terz jintervjeni bħala ko-attur f'kawza, ma huwiex possibbli legalment a tenur tal-Artikolu 960 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex l-intervenut ma jistgħax jingħata, la status ta' attur, u lanqas konvenut.

Il-Bord hekk kif diversament ippresedut, kien laqa' t-talba hekk kif dedotta, permezz ta' digriet tas-19 ta' Mejju 2016.

Bi żvista, id-Deputat Reġistratur ta' dak iż-żmien, ma kinitx għamlet id-debita żieda fl-okkju ta' dan il-każ.

Wara li sar il-kontroeżami tar-rikorrenti Dione Farrugia, fejn dan ġie mistoqsi dwar min huwa s-sid tar-raba' in kwistjoni, Valdev Properties Limited reġgħet ippreżentat rikors, fejn sostniet li dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 960 tal-Kap12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħti l-fakultà lil kull persuna li jkollha interess, li tintervjeni f'kawża, f'kull stadju. Ġie spjegat li waqt il-kontroeżami ta' Dione Farrugia, irriżulta li parti mill-proprjetà, tappartjeni lil Valdev Properties Limited. Għalhekk stante li għandha interess f'dawn il-proceduri, u għall-finijiet ta' integrità ta' ġudizzju, intalab li s-socjetà tintevjeni fl-atti tal-kawża fil-vesti ta' attur.

Dan il-Bord hekk kif ippresedut, astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors, in vista tad-digriet tad-19 ta' Mejju 2016, stante li din it-talba kienet identika għal dik li kienet saret preċedentement. Ordna wkoll lid-Deputat Reġistratur tiegħu, jirregolarizza l-atti a tenur tad-digriet tad-19 ta' Mejju 2016. Dan fil-fatt, hekk sar.

L-intimati qed jargumentaw li azzjoni ta' dan it-tip, tista' ssir biss mis-sidien. Qed jargumentaw li mill-provi prodotti u mill-kuntratti eżebiti, jirriżulta biċ-ċar, li r-rikorrenti mhumiex is-sidien ta' din l-art kollha, mertu ta' din il-kawża, iżda partijiet minn din l-art mertu ta' din il-kawża, hija proprjetà ta' Valdev Properties Limited.

Dan il-Bord ġià ppronunzja ruħu f'sitwazzjoni, fejn kawża għal ripreża ssir minn ko-proprjetarju, u mhux mill-ko-proprjetarji kollha. In fatti, fis-sentenza mogħtija minn dan il-Bord hekk kif ippresedut, fid-29 ta' April 2021, fl-ismijiet, David Jones et vs Louis Agius, intqal:

> *"Dan il-Bord jaghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni tat-12 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet* ***Adelaide Ellul, John Ellul, Edmea mart Michael Calleja u l-istess Michael Calleja u b'digriet tal-11 ta' Frar 2003 stante l-mewt ta' John Ellul fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem l-istess Adelaide Ellul u Edmea Calleja vs Modern Crown Stoppers Limited****, liema sentenza saret referenza ghaliha mill-abbli legali ta' l-intimat . F' din il-kawza, intalbet ir-ripreza tal-fond in kwistjoni. L-intimata rrispondiet billi eccepiet li din il-kawza kienet nulla u improponibbli peress li ma saritx mill-proprjetarji kollha tal-fondi in kwistjoni u l-proprjetarji l-ohra joponnu ghall-izgumbrament. Il-Bord li Jirregola l-Kera kien cahad din l-eccezzjoni u sostna li*
> *"3.Fuq it-taghlim tal-gurisprudenza kull wiehed mill-komproprjetarji li jkun irid jaghmel talba quddiem il-Bord, ghandu l-jedd vis-à-vis il-*

*kerrej, a bazi tal-Kap 69 li jmexxi proceduri wahdu u m' hemmx htiega li jagixxi mal-koproprjetarji l-ohra. (ara App. Peralta vs Wirth 16/11/49; Zammit vs Saliba, 1/12/30; Scicluna vs Schembri 27/7/83; Sammut vs Vella, 26/10/83; Albani vs Scicluna 2/6/88, sentenza in parte, Bianco vs Agius 25/2/99; Ellul vs Agius, 29/5/95; Farrugia pro et noe vs Bajada et, 30/4/99; u Bord Li Jirregola l-Kera Ritchie et vs Dimech et, 15/2/00; Chetcuti vs Chetcuti et, 30/1/01)*
*4. Is-sies ta' din il-gurisprudenza hu li fl-ahhar mill-ahhar l-art 491 tal-Kodici Civili li jghid li kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-hwejjeg li ghandu f'daqqa ma' haddiehor skond id-destinazzjoni taghhom kif stabbilita bl-uzu.*
*5. Il-gurisprudenza tghallem wkoll li ma hemm l-ebda nullita' jekk komproprjetarji ohra mhux biss jiddizinteressaw ruhhom imma wkoll jopponu azzjoni. Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re 'Ciappara vs Caruana' (20/1/61, Vol XLV. 1. 13) fejn intqal:*
*"Hawn non si tratta ta' azzjoni tendenti ghall-notamenti ta' rapport jew stat guridiku wiehed, fejn il-litis – konsorzju bejn dawk kolha li huma partecepici hu necessarju. Ebda unita' guridika necessarja ma hemm bejn id-dritt ta' l-attrici u dak tal-proprjetraji l-ohra. Bil-mod kif saret l-azzjoni, id-dritt taghha jista' jigi rivendikat anki jekk dawk il-proprjetraji l-ohra jiddizinteressaw ruhhom kompletament ghal dak li hu dritt taghhom, jew anki ma jridux jirrivendikawh" (eqreb fiz-zmien ara 'Laferla et vs Cauchi Savona et' 6/2/95, App. Kum, ibghad fiz-zmien u ukoll fil-grajja ta' pajjizna, ara 'Gando vs Borg Olivier et noe' 3/1//58, App. Civ. Vol XL11 – 1 – 551)*
*Il-Bord jaf li hemm gurisprudenza ohra li tghid bil-maqlub (ara Scicluna vs Azzopardi, 3/4/64, App. Civ. XLVIII - 1 –233 fejn il-Qorti ta' l-Appell laqghet eccezzjoni bhal dik ta' llum u rrevokat sentenza moghtija mill-Bord Li Jirregola l-Kera li kien laqa' talba ghal zgumbrament imhabba bdil ta' destinazzjoni). Din il-gurisprudenza kif juru s-sentenzi l-aktar ricenti ma gietx segwita u l-Bord ma jhossx li ghandu jistrieh fuqha."*

*Madanakollu, il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet kuntrarjament ghal dak deciz mill-Bord li Jirregola l-Kera filwaqt li lliberat lis-socjeta' appellanti mill-osservanza tal-gudizzju:*

*"Qabel approfondiment tal-kwestjoni hawn agitata tajjeb li jigi precizat dak li del resto hu ben car mill-korp tar-rikors promotur illi f'dan il-kaz l-izgumbrament mitlub ma jirreferiex biss ghal kwota ndiviza tal-fond lokat izda ghat-totalita` tieghu. Limitatament f'dan il-kuntest dak ragjonat mill-appellanti f'para 8 tar-rikors tal-appell taghha, ghalkemm guridikament validu ghall-finijiet ohra, ma jistax iservi ta' sostenn legali ghas-sottomissjoni principali taghha fl-aggravju interpost. Il-kirja kienet tal-fond intier u dak li qed jigi effettivament mitlub lura mir-rikorrenti huwa l-fond shih u mhux biss is-sehem jew ishma indivizi appartenenti lill-uhud mis-sidien.*

*Dan premess, jidher li kemm il-Bord kif ukoll is-socjeta` appellanti jmantnu l-posizzjoni taghhom fuq il-punt prettament legali bl-ghajnuna tal-kazistika minnhom affermata fir-rigward. Jixraq ghalhekk li tigi ezaminata din il-gurisprudenza, li dwarha jinghad mill-ewwel illi ma tirrizultax li kienet wahda konkordi u univoka. Anzi, kif gustament ravvizat mill-istess Bord, tezisti diskordanza ta' opinjoni dwar kif il-materja giet trattata fil-gurisprudenza taghna. Opportunement, ghalhekk, dina l-Qorti sejra tirrikapitola din il-gurisprudenza u tanalizzaha.*
*Minn dak ricerkat jidher li s-sentenzi tal-Qrati taghna fuq is-suggett huma dawn li gejjin:-*
*1. L-istipiti tal-gurisprudenza kondiviza mill-Bord, hi s-sentenza fl-ismijiet "Ciantar Preziosi et –vs- Fabri et", Prim'Awla, 7 ta' Mejju 1879 ben segwita mis-sentenza "Bruno noe –vs- Notaro Emanuele Lauren", Prim'Awla, Qorti Civili, 16 ta' Marzu 1881, li stabbilit li "uno di piu` locatori, finita la locazione, puo` domandare lo sgombramento del conduttore".*
*2. Ta' l-istess fehma hi d-decizjoni fl-ismijiet "Paolo Pace –vs- Emmanuele Zammit et", Prim'Awla, Qorti Civili, 29 ta' Novembru 1919. Fiha ntqal illi "il locatore compossessore con altri puo` impedire che la locazione sia rinnovata all'antico inquilino, e puo anche da solo domandare lo sgombramento di costui essendo l'azione indivizibile, e potendo essere esercitata per indiviso da ciascuno dei comproprietarii".*
*3. It-tielet sentenza f'din is-serje izda l-aktar wahda ampja hi dik fl-ismijiet "Ruggero Peralta –vs- Elisa Wirth", Appell mill-Bord, 16 ta' Novembru 1942. Fiha gie osservat illi "jekk wiehed minnhom (il-ko-proprjetarji) ikun irid jiehu pussess tal-post, ikollu d-dritt, bhala wiehed millokaturi, di fronti ghall-inkwilin, u in bazi din il-ligi specjali u eccezzjonali (Ord. XXI ta' l-1931) illi jagixxi wahdu biex jitlob il-permess tal-Bord biex jiehu pussess ta' dak il-post, u ma ghandux bzonn illi jagixxi ma' l-ohrajn. Infatti skond l-Art 187 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (illum Art 491 talKodici Civili) kull wiehed mill-konsorti ghandu dritt li juza lhaga li tkun komuni skond id-destinazzjoni taghha, u ghalhekk biex il-kompossessur tal-haga komuni jiehu pussess taghha, ma ghandux bzonn il-konkors ta' l-ohrajn, izda l-azzjoni tista' tkun tieghu wahdu".*
*Il-Qorti qeghda tissofferma ghalissa biex tirregistra l-punt illi jirrizultalha wkoll illi fl-istess zmien tal-precitati sentenzi kienet ventilata parallellament il-veduta kuntrarja. Jigifieri dik li osservat li "nulla osta in legge a che simile istanza (koncernanti zgumbrament tal-kerrej) venga inoltrata da alcuni dei consorti con citazione degli altri consorti, i quali potrebbero dimostrare le ragioni per la loro eventuale opposizione, da essere vagliate dal Tribunale" ("Maria Teresa Zammit et –vs- Giovanni Saliba et", Appell Civili, 1 ta' Dicembru 1930).*
*Is-sentenza fl-ismijiet "Carmela Scicluna xebba –vsRosina armla Azzopardi noe", Appell Civili, presjeduta mill-Onor. President Sir Anthony Mamo, 3 ta' April 1964 filwaqt li rriteniet l-osservazzjoni appena citata bhala wahda valida ghaddiet biex severament tikkritika*

*t-tezi kuntrarja, in partikolari dik abbraccjata fid-decizjoni "Peralta –vs- Wirth".*
*Il-Qorti titlaq mill-punt illi trid tinzamm distinzjoni bejn il-kaz fejn id-detentur ikun qed jokkupa fond "minghajr titolu" u dak li jkun hekk jokkupah b'"titolu ta' lokazzjoni". F'dan l-ahhar kaz, "meta hemm diversi komproprjetarji huma kollha "lokaturi", il-kuntratt hu uniku u m'hemmx tant rapporti separati ta' bejn "inkwilini" u "lokatur" daqs kemm hemm komproprjetarji, izda l-lokazzjoni hi wahda; u meta l-ligi timponi r-rilokazzjoni timponiha bhala kontinwazzjoni jew, tigdid ta' l-istess kuntratt uniku fil-konfront tal-komproprjetarji jew lokaturi kollha, u wiehed minnhom ma jistax, wahdu, jimpedixxi dik ir-rilokazzjoni statutorja li "ex hypothesi" topera ruhha ghar-rigward tal-komproprjetarji l-ohra".*
*Issoktat tghid illi "din l-istess raguni tista' ma tapplikax meta, bejn id-diversi komproprjetarji u d-detentur, ma hemmx rapport kontrattwali, u d-detentur ikun jiddetjeni bla titolu". Hsieb dan fuq dan l-ahhar punt ta' okkupazzjoni bla titolu ricevut b'favur fid-decizjoni fl-ismijiet "Caterina Gerada –vs- Dr. Antonio Caruana", App Kummerc, 28 ta' Gunju 1973 oltre d-decizjonijiet a Vol XXI pII p433 u Vol XXXIX pII p540.*
*Din is-sentenza giet segwita mill-istess Qorti ta' l-Appell, din id-darba kapeggjata mill-Onor. President John Cremona, fis-sentenza fl-ismijiet "Mary Magdalene Symes et –vs- Robert Eder noe", 13 ta' Gunju 1980.*
*Proprju fiha gie parafrazat il-hsieb tal-precitata sentenza illi "f'kaz ta' lokazzjoni li trid tigi terminata, l-azzjoni hi precizament tendenti ghall-mutament ta' rapport jew stat guridiku wiehed, u kwindi, l-litis konsorzju bejn dawk kollha li huma partecipi hu necessarju. In-nuqqas ta' partecipazzjoni fil-kawza tal-komproprjetarji l-ohra, kemm bhala atturi jew bhala konvenuti, jista' jigi sostitwit bil-prova certa tal-adezjoni ta' dawk il-komproprjetarji ghad-domanda maghmula gudizzjarjament minn wiehed minnhom, izda mhux anqas minn daqshekk".*
*Premess dan li fuq gie osservat, gara li fl-1983 l-istess Qorti ta' l-Appell, minghajr lanqas minimu accenn ghad-decizjonijiet appena citati, irrivertiet ghat-tezi sostenuta f'"Peralta vs- Wirth" u dawk is-sentenzi l-ohra li rritenew li kull wiehed mill-konsorti ghandu dritt jitlob li jirriprendi l-pussess ta' fond komuni minghajr il-bzonn tal-konkors tal-komproprjetarji l-ohrajn. Prekursuri ta' dan ir-ritorn lura huma s-sentenzi fl-ismijiet "Joseph Scicluna et –vsJoseph Schembri noe", Appell Civili, 27 ta' Lulju 1983 u "Angela armla ta' Anthony Sammut et –vs-Gerald Vella et", Appell Civili, 26 ta' Ottubru 1983 fejn il-Qorti kienet komposta mill-Onorevoli Imhallfin l-Onor President Dr. Carmelo Schembri, l-Onor Dr Carmelo Agius u l-Onor Dr. Vincent Scerri. Decizjonijiet konsegwiti mill-ohra fl-ismijiet "Carmelo Albani vs- Mary mart Peter Scicluna et", Appell Civili, 2 ta' Gunju 1988 presjeduta mill-Onor. Imhallef Hugh Harding. Minn hawn il-quddiem jidher li l-Qrati u t-tribunali taghna issoktaw isegwu din il-linja.*

*Bir-rispett kollu dovut versu dawn il-gudikati precedenti, u recensjuri, li ghandhom certament jitqiesu bl-akbar rispett, din il-Qorti, kif presjeduta, ma thossx li ghandha ssegwi dan l-orjentament. Ghall-kuntrarju, l-Qorti tinklina versu l-veduti espressi fis-sentenza "Scicluna –vs- Azopardi" (ibid.) billi tirrikonoxxi fl-argomentazzjoni analisi guridika aktar valida u rafforzanti minn ta' dawk li pprecedewha jew ta' dawk li regghu optaw ghas-soluzzjoni ta' dawk l-istess decizjonijiet anterjuri.*
*Issa huwa veru illi principju accettat ma ghandux jitbiddel spiss jew bla raguni, izda huwa ugwalment car illi dan ma ghandux ifisser ukoll illi l-principju, darba affermat u accettat, ma jista' jinbidel qatt. Wara kollox fis-sistema taghna l-ebda gudikant ma hu marbut bil-precedent.*
*Multo magis, imbaghad, jekk wara rikonsiderazzjoni debita jsib ruhu fl-impossibilita` li jsegwi dak ritenut fil-gurisprudenza ta' dawn l-ahhar snin.*
*Verament il-lanjanza ta' pregudizzju accennata mill-appellati fil-korp tar-risposta taghhom fis-sens illi huma ma ghandhomx jigu inceppati fil-prosegwiment tad-dritt taghhom mill-interessi personali ta' xi komproprjetarju interessat tinsab imwiegba sew fil-parti konklussiva ta' dik is-sentenza("Scicluna –vs- Azzopardi"):*
*"L-ilment kien ikun veru u gustifikat kieku l-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra kien l-uniku kondizzjoni inderogabbli. Imma l-fatt mhux hekk. Jekk hemm il-kunsens, sta bene u xejn aktar m'hu mehtieg. Pero` jekk il-kunsens ma hemmx, ghax il-komproprjetarji l-ohra –ingustament jew kapriccjozament, jew negligentement, kif jidhirlu l-komproprjetarju li jrid jagixxi – ma tawhx, allura hu bizzejjed li hu jiccithom fil-kawza. Il-kunsens jew adezjoni ghat-talba, certament ma jistghux jigu ottenuti kontra r-rieda u kien ikun ingust li tassoggetta lill-komproprjetarju agenti ghalih b'mod illi r-rifjut ta' dak il-kunsens kien ikun jista' jiffrustra u jipparalizza l-ezercizzju tad-drittijiet tieghu. Izda meta dak il-kunsens jonqos, m'hemm xejn li jista' jimpedixxi c-citazzjoni fil-kawza, u din mhiex haga li l-komproprjetarji renitenti jew traskurati jistghu jinjoraw jew jimpedixxu"."*

*Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-15 ta' Lulju, 2009 fl-ismijiet* ***Vivien armla tal-Markiz Anthony Cassar Desain; Mark Cassar De Sain, Jason Cassar De Sain, Rachel Cassar De Sain Carmelo sive Lino u Christine konjugi Delia; l-istess Lino Delia oltre li f'ismu proprju jidher ukoll bhala mandatarju ta' Nathalie mart Paul Savill minnu divorzjata, Rose Marie mart Lawrence Savill minnu divorzjata, Lawrence Cassar Desain Viani u b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2005 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Vivien armla tal-Markiz Anthony Cassar Desain, Mark Cassar Desain, Jason Cassar Desain, Rachel Cassar Desain, Carmelo sive Lino u Christine konjugi Delia, l-istess Lino Delia oltre li f'ismu propju jidher ukoll bhala mandatarju ta' Nathalie mart Paul Savill minnu divorzjata, Lawrence Cassar Desain, Michael Cassar Desain, Anne mart il-Perit Mario Said minnu legalment***

***separata, Veronica mart Bernard Von Brockdorff, u l-istess Bernard von Brockdorff stante l-mewt ta' Rose Marie Savill fil-mori tar-rikors; Michael Cassar Desain; Anne mart il-Perit Mario Said minnu legalment separata; Veronica mart Bernard Von Brockdorff u l-istess Bernard von Brockdorff L-Onorevoli Magistrat Dottor Dennis Montebello u b'nota pprezenta fl-14 ta' Settembru 2006 Mario Gauci assuma l-atti tal-kawza flimkien mar-rikorrenti l-ohra (fol.148) vs Carmel Vella***, *gie trattat aggravju fejn l-appellanti sostnew li r-rikors promotur huwa null ghaliex jikkonsisti minn kumulu ta' azzjonijiet. Il-Qorti ta' l-Appell spjegat:*

*"In-natura processwali tar-rapport ta' kera ggib, in kap ghal kontroversji relattivi ghall-istess rapport, ukoll dik diretta biex l-istess rapport ma jiggeddidx, illi legittimat biex jipproponi l-azzjoni huwa l-lokatur.* ***Fejn jitratta minn diversi lokaturi ta' l-istess bicca raba' b'kera unika d-decizjoni mitluba fil-gudizzju minnhom propost ma jistax ikollu effett li jipproduci l-effett mixtieq jekk mhux fil-konfront ta' kull wiehed minnhom in kwantu jinsabu marbuta flimkien mir-rapport uniku, sew sostanzjali, sew processwali. Id-duttrina procedurali, in partikolari dik Taljana, tiddefinixxi din il-qaghda fejn diversi sidien ikunu f'sitwazzjoni ta' komproprjeta` bhala wahda ta' "litisconsorzio necessario". Ara artikolu 102 tal-Kodici ta' Procedura Taljana****. Dan taghmlu biex tikkontradistingwi din il-qaghda minn dik ta' l-artikolu 103 susssegwenti li jitratta minn "litisconsorzio facoltativo". Incidentalment, dan l-ahhar artikolu msemmi jikkorrispondi ghall-Artikolu 161 (3) tal-Kodici ritwali taghna, li dwaru jinsab spjegat illi dan "espressament jipprovdi mhux biss ghal kaz meta jkun hemm aktar minn attur wiehed, izda jahseb ukoll ghall-possibilita` ta' process wiehed, mibdi b'citazzjoni wahda, minn zewg atturi jew aktar, u li jkunu jirrigwardaw aktar minn kawza wahda." Ara "Joseph Zarb et -vs- L-Awtorita` ta' L-Ippjanar", Appell, 8 ta' Gunju, 2001;*

*Dan premess, jinghad illi l-Artikolu 103 predett tal-Kodici ta' Procedura Taljan jikkontempla "non soltanto il litisconsorzio facoltativo proprio, quando fra piu` cause proposte esiste connessione per l'oggetto e per il titolo, ma anche il litisconsorzio facoltativo cosidetto improprio, quando piu` cause presentino, anche solo in parte, qualche questione, la cui soluzione sia necessaria per la decisione";*

*B'mod aktar dirett u mill-qrib ghal kwestjoni prezenti jemergi b'riflessjoni mill-"Commentario breve al Codice di Procedura Civile" ta' Carpi, Colesanti u Taruffo, Ed. Cedam, 2004, pagna 471 illi* ***fejn fil-gudizzju koncernanti c-cessazzjoni tal-kuntratt ta' affitt jezistu pluralita` ta' sidien, "occorre distinguere l'ipotesi in cui questi siano divenuti titolari di parti indistinte o quote ideali del fondo affittato da quelle in cui essi siano invece divenuti titolari di parti distinte e divise dal medisimo fondo; mentre la prima concreta un' ipotesi di litisconsorzio necesario, trattandosi di un***

***rapporto unico con pluralita` di parti e non potendo la situazione giuridica unica, consistente nella cessazione o nella permanenza dell'unico contratto, sussistere nei confronti di alcuni soggetti e non nei confronti di altri,*** *la seconda da luogo, invece, ad un ipotesi di litisconsorzio facoltativo, potendo ciascuno dei proprietari far valere un diritto indipendente ed autonomo relativamente alla porzione del fondo ricevuto" (Cassazione, sena 1981, Numru 1577)." (sottolinjar maghmul minn dan il-Bord)*

*Il-Bord ha konjizzjoni wkoll tas-sentenza citata mill-abbli legali tal-intimat u u cioe' dik moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet* ***John A. Cuschieri, Madeleine Ellul, Victoria Portelli, Marguerite Borġ, Schembri & Sons Limited (C – 4225), Hilda Mizzi, Kurt Scerri, Alton Scerri u b'Nota tas-26 ta' April, 2017, Dr Melvyn Mifsud assuma l-atti minflok Alton Scerri u dan rigward il-parti waħda minn disgħin (1/90), il-Prim'Imħallef Emeritus Prof. Giuseppe Mifsud Bonniċi, Antonia Attard, Mariella Darmanin Demajo, Josette Salamone Reynaud, John Cuschieri u b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2019, wara l-mewt ta' John Cuschieri l-atti ġew trasfużi f'isem Dr Veronica Aquilina bħala kuratur tal-eredità ġjaċenti tal-istess John Cuschieri, Paul Cuschieri, John Schiro', George Schiro', Joseph Schiro', Maria Micallef Grimaud, Prof. Alfred Cuschieri u b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2019, wara l-mewt ta' Profs. Alfred Cuschieri l-atti ġew trasfużi f'isem martu Monica Cuschieri, Miriam Fenech, Therese Buġeja, Paul Cuschieri, Maria Fenech, Dargens Development Ltd., Letizia Sammut, Maria Josette Scalpello, Dr. Paul Cuschieri u Ailwin Cuschieri; u b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti awtorizżat li Almo Properties Limited (C – 69554) tassumi l-atti tal-kawża minflok l-atturi Kurt Scerri, Prim Imħallef Emeritu Giuseppe Mifsud Bonniċi, Hilda Mizzi, Madeleine Ellul, Victoria Portelli, Margaret Borġ, John A. Cuschieri, John Schiro', George Schiro', Joseph Schiro', Maria Micallef Grimaud, Miriam Fenech, Maria Josette Scalpello, Dr. Paul Cuschieri, Ailwin Cuschieri, Antonia Attard, Josette Salamone Reynaud, Mariella Darmanin Demajo, Angela Cuschieri u John Cuschieri; u b'digriet tas-7 ta' Frar, 2019, l-Avukat Josette Sultana u l-Prokuratriċi Legali Hilda Ellul Mercer inħatru kuraturi deputati biex jidhru għall-werrieta mhux magħrufa ta' Letizia Sammut v. Paul Ciantar, Jeremy Ċiantar u Louis Paċe f'ismu personalment u in rappreżentanza ta' Mexico Garage Rent-A-Car Company Limited (C – 5002); u b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2010 ġie kjamat fil-kawża Edgar Cassar.*** *Din il-kawza kienet titratta wkoll talba ghal zgumbrament minn fond partikolari. Fl-appell, gie mqajjem aggravju fis-sens li l-ewwel Qorti sabet ħażin meta qieset li ma kienx meħtieġ il-litiskonsorzju tas-sidien kollha biex il-kawża setgħet titmexxa 'l quddiem. Fuq dan l-aggravju, intqal is-segwenti:*

*"33. Illi t-tieni aggravju tal-appellanti jinbena fuq il-kwistjoni dwar jekk din il-kawża kinitx titlob il-parteċipazzjoni tas-sidien kollha biex tista' titmexxa 'l quddiem. Dan l-aggravju jinbena fuq episodju proċedurali li seħħ wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza mill-ewwel Qorti. L-appellanti jgħidu li, ladarba sa ma ġiet biex tingħata s-sentenza, mhux kull wieħed mill-atturi baqa' jżomm il-pożizzjoni ta' attur dwar it-talbiet imressqa fl-att promotur, għalhekk il-ġudizzju ma baqax integru u l-"kawża kif proposta hija monka". Huma jgħidu li s-sentenza appellata tiddifetta għaliex ma huwiex minnu li fl-għamla ta' azzjoni mibdija mill-appellati ma kienx meħtieġ li jkun fil-kawża kull min hu sid il-fond mertu tal-istess kawża...Illi dwar dik il-parti tal-aggravju tal-appellanti fejn jgħidu li s-sidien kollha kellhom ikunu parti fil-kawża, l-appellati jwieġbu billi jgħidu li fl-għamla ta' kawża mibdija minnhom, il-preżenza tas-sidien kollha hija fakultattiva u mhux obbligatorja;*
*39. Illi ġie għadd ta' drabi mfisser li l-litiskonsorzju – jiġifieri l-ħtieġa li kull min għandu interess fi kwistjoni jkun jagħmel parti minn kawża dwar dik l-istess kwistjoni – ikun meħtieġ fejn l-azzjoni "tkun tendenti għall-mutament ta' rapport jew stat ġuridiku wieħed" (Ara, per eżempju, App. Ċiv. 20.1.1961 fil-kawża fl-ismijiet Ċiappara vs Caruana (Kollez. Vol: XLV.i.13). F'każ bħal dak, il-litiskonsorzju huwa meħtieġ u n-nuqqas tal-parteċipazzjoni fil-kawża ta' wħud mill-interessati, kemm bħala atturi inkella bħala mħarrkin, jista' jiġi sostitwit bil-prova ċerta tal-adeżjoni ta' dawk l-interessati għat-talba magħmula minn xi wħud minnhom, u mhux anqas minn hekk (Ara, App. Ċiv. 3.4.1964 fil-kawża fl-ismijiet Scicluna vs Azzopardi noe (Kollez. Vol: XLVIII.i.233). Min-naħa l-oħra, fejn l-azzjoni tkun maħsuba biss tinforza jedd li ma jitnisslix minn rapport ġuridiku komuni, kull wieħed li huwa interessat biex jinforza tali jedd jista' jmexxi bla ma jistenna li kull persuna oħra interessata tixxierek miegħu (App. Kumm. 6.2.1995 fil-kawża fl-ismijiet Laferla et vs Cauchi Savona et noe (Kollez. Vol: LXXIX.ii.791), u saħansitra wkoll jekk tkun topponi għall-imsemmija azzjoni (App. Inf. PS 12.11.2003 fil-kawża fl-ismijiet Adelaide Ellul et vs Modern Crown Stoppers Ltd.);*
*...Illi l-ewwel Qorti sabet li, meqjusa n-natura tal-azzjoni mnedija mill-appellati, ma kienx meħtieġ li fil-kawża jieħdu sehem is-sidien kollha tal-ġid mertu tal-każ. Sabet ukoll li kien minnu li l-appellanti ma kien għad fadlilhom l-ebda titolu fuq dak il-ġid x'jopponu kontra l-appellati, ladarba l-inkwilini kienu irrinunzjaw għall-kirja meta ddepożitaw iċ-ċwievet tal-post taħt l-awtorità tal-Qorti;*
*42. Illi l-Qorti jidhrilha li l-aggravju tal-appellanti mhuwiex tajjeb. Fl-ewwel lok, taqbel mal-ewwel Qorti li ma kienx meħtieġ il-litiskonsorzju tas-sidien kollha biex setgħet titressaq u titmexxa 'l quddiem il-kawża mibdija mill-appellati."*

*Fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata estensivament, dan il-Bord iqies li hija necessarja l-prezenza tal-komproprjetarji kollha f' azzjoni ta' din in-natura. L-azzjoni li ghandu quddiemu dan il-Bord hija proprju azzjoni tendenti ghall-mutament ta' rapport jew stat guridiku wiehed, u*

*kwindi, l-litis konsorzju bejn dawk kollha li huma partecipi hu necessarju. Gialadarba, f' dan il-kaz, jirrizulta li kien hemm interess petitorju ta' Catherine Imperia Caruana f' din l-ghalqa in ezami, u gialadarba, ma tressqux provi dwar l-adezjoni ommeno ta' l-istess Catherine Imperia Caruana, din l-eccezzjoni timmerita li tigi akkolta."*

L-intimati, f'din il-kawża, għamlu referenza għal din is-sentenza mogħtija minn dan il-Bord, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. Madanakollu, f'dan il-każ, ix-xenarju huwa kemmxejn differenti. Hawnhekk il-Bord ghandu sitwazzjoni, fejn parti mir-raba' lokata lill-intimati, tappartjeni lir-rikorrenti odjerni, mentri partijiet oħra minn din l-istess raba' lokata lill-intimati, tappartjeni lil Valdev Properties Limited. Hawnhekk, lanqas ma hawn kwistjoni ta' komproprjetà, iżda għandna sitwazzjoni iktar gravi, fis-sens li r-rikorrenti aġixxew għal ripreża ta' raba' li hi mqabbla lill-intimatiy, iżda li partijiet minnha, ma humiex proprjetà tagħhom. Għalhekk f'din il-kawża, hawn sitwazzjoni fejn għal rigward ta' partijiet minn din ir-raba', ir-rikorrenti ma għandhomx *locus standi,* u lanqas interess ġuridiku, stante li mhumiex sidien.

F'tentattiv biex tiġi sanata dan in-nuqqas ta' interess ġuridiku, Valdev Properties Limited interveniet fil-kawża. Il-Bord hekk kif diversament ippresedut, kien laqa' t-talba kif dedotta mill-istess kumpanija, fis-sens li l-kumpanija intervjeniet bħala ko-attur f'din il-kawza. Dan il-Bord għalhekk, issa sejjer jeżamina l-istitut tal-intervenut fil-kawża, u jekk dan jistax legalment jintervjeni bħala ko-attur, f' din il-kawża.

Il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal mill-Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-14 ta' Jannar 2019, fl-ismijiet, **Emanuel Delia K.I. Nru 0560176M kontra L-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Owen Bonnici (I.D. 273280M) u d-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni Ramon Deguara (I.D. 83474M)**

> *"Fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, l-istitut ta' l-intervent f'kawza in statu et terminis huwa regolat bl-Art 960 li jiddisponi hekk :-*
> *"Kull min juri b'sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta' Appell ; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha".*
>
> *i) Dottrina*
> *Dwar l-intervent fil-kawza, il-Mortara jghid hekk fil-"Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile" – 1923 – Vol III – pag 256) :–*

*" … puo' trovarsi ad avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e' piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios"*

*Dwar l-istess istitut tad-dritt, Enrico Tullio Liebman fil-pag 151 tal-"Manuale di Dir. Proc. Civile" – 1957 ighid hekk :-*

*"La ragione pratica dell' istituto e' data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all'esito del medesimo".*

*ii) Gurisprudenza*

*Il-Qorti sejra tirreferi ghal dawk id-decizjonijiet, minn ghexieren ta` ohrajn li nghataw mal-medda tas-snin, li fil-fehma taghha, jaghtu direzzjoni ghall-mertu tar-rikors odjern.*

*Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (per Onor Imhallef Luigi Ganado) fit-23 ta`Novembru 1898 fil-kawza "Stepton vs Spiteri" nghad hekk –*

*"E` stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e' terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale, che reale, e non derivativo nell'esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte … "L`istituto dell'intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi".*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-28 ta` Frar 2004 fil-kawza "Fogg Insurance Agency Limited et*

*v. Simon Tabone" kien trattat appell minn terz. Inghad hekk :-*
*"Din il-kelma "interess" giet interpretata mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' April 1899 in re Brockdorff –vs- Pace Balzan (Kollez Vol XVII pIII p15) fis-sens illi "appena e` necessario di aggiungere che l'interesse, ossia il motivo della domanda giudiziale deve essere concreto, e sussistere di fronte a colui contro il quale la domanda viene proposta". (Kollez. Vol XXXIII pI p 662)… …*
*"Tajjeb li nigi notat f'dan il-kuntest illi l-interess merament ipotetiku ma huwiex accettabbli in kwantu ma humiex ammissibbli rikonjizzjoni ta' drittijiet jew kundanni preventivi 'ad futurum'." (ara wkoll : PA – Zammit pro et noe vs Kirkby Williams – 7 ta` Ottubru 1948 ; Appell Superjuri Civili – Cefai vs Cutajar et – 14 ta` April 1947 ; Appell Superjuri Civili – Zammit vs Formosa – 11 ta` Gunju 1948 ; PA – Said et vs Vassallo – 11 ta` Marzu 1950 ; PA – Prato vs Cassar Galea et noe – 30 ta` Marzu 1951 ; PA – Delia vs Schembri – 4 ta`Frar 1958 ; Appell Superjuri Civili – Ganado vs Borg Olivier – 3 ta` Novembru 1958 ; PA – Borg vs Muscat – 28 ta`Ottubru 1960 ; PA – Micallef pro et noe vs Younes et noe – 18 ta` Novembru 1984 ; Appell Kummercjali – Debattista et vs Calleja noe – 28 ta` Frar 1986 ; Appell Kummercjali – Galea vs Cardona – 28 ta` Lulju 1987 ; Appell Kummercjali – Azzopardi vs Grixti – 9 ta` Marzu 1988 ; Appell Superjuri Civili – Psaila vs Biggerstaff – 7 ta` Novembru 1988 ; PA – Camilleri vs Borg – 8 ta` Mejju 1990 ; Appell Kummercjali – Chatlani vs Grixti – 2 ta` Dicembru 1991 ; Appell Superjuri Civili – Buhagiar pro et noe vs Psaila – 31 ta` Jannar 1996 ; Appell Superjuri Civili – Grech et vs Sceberras Trigona et – 20 ta` Frar 1996 ; Appell Superjuri Civili – Abela vs Zahra – 29 ta` Ottubru 2002)*
*Fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta` Jannar 2005 fil-kawza "Mario Galea Testaferrata v. Prim Ministru" (citata minn Emanuel Delia fil-kors tat-trattazzjoni li saret fl-udjenza tat-30 ta` Novembru 2018) inghad hekk :-*
*"L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni … huwa interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawza jew kawzi ohra futuri … Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari mhux*

*f'kawza jew kawzi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati."*

Il-Bord jagħmel referenza għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell, fl-20 ta' Mejju 2009, fil-kawża fl-ismijiet, **Gladys mart l-Imħallef Dottor Edoardo Magri, l-Imħallef Dottor Edaordo Magri, Yvonne armla ta' Anthony de Domenico, Joseph Muscat u Jane mart David Pullicino, u b'digriet tat-18 ta' Settembru, 1998 l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem l-Imħallef Alberto Giuseppe, Sandro u Renato lkoll aħwa Magri u Mariella Borg Magri minflok l-attriċi Gladys Magri li mietet fil-mori tal-kawża vs Market Intelligence Services Company Limited u b' digriet ta' l-10 ta' Mejju, 1999 is-soċjeta` Westminster Securities Ltd intervjeniet fil-kawża in statu et terminis:**

> *"Fis-sentenza ta' l-10 ta' Novembru 1888 tal-Corte Civile Di Sua Maesta, Prim'Aula (Giudice di Sua Maesta` Luigi Ganado LL.D.), fl-ismijiet Negte. Luigi Paolo Vella Hass versus Vincenzo Camenzuli ed altri, intqal:*
> *"Le persone interessate in un giudizio, sia che il loro interesse le spinga a sostenere Ia domanda, sia che convenga loro di opporla, sono ammesse a prendere parte in tale giudizio, ma il loro intervento non ha l'effetto di essere, considerato ne` come attori né come convenuti, a differenza del chiamato in causa, il quale, per disposizione di legge, deve essere considerato come qualunque altro convenuto;*
